



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-15 ta' Diċembru 2021

Ir-rispons għall-COVID-19 u l-politiki dwar il-klima fil-qalba tal-programm ta' ħidma tal-awdituri tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) illum ippubblikat il-programm ta' ħidma tagħha għall-2022 u lil hinn, fejn elenkat l-oqsma strateġiċi u l-prijoritajiet tal-awditjar tagħha. Dawn se jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, li jirriflettu l-isfidi prinċipali u t-tħassib ewlieni tal-UE. Fosthom u qabel kollox se jkun ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u l-ambizzjonijiet tagħha biex tiġġieled it-tibdil fil-klima. L-awdituri se jiskrutinizaw dawn l-oqsma, u oħrajn, biex jistabbilixxu jekk l-UE hijiex tuża l-flus tal-kontribwenti b'mod effettiv biex twettaq il-mandat u l-impenji tagħha.

Il-pandemija tal-COVID-19 tkompli tħalli impatt kbir fuq il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, u se tkompli tagħmel dan għal xi żmien. Sadanittant, l-UE qed tpoġġi fil-prattika wkoll l-aspirazzjonijiet tagħha biex tiġġieled it-tibdil fil-klima, u biex timxi lejn ekonomija aktar moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. Konsegwentement, il-programmi ta' rkupru ta' wara l-COVID u l-miżuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jirċievu assistenza finanzjarja mill-UE fuq skala mingħajr preċedent.

Il-Programm ta' Ħidma 2022+ tal-QEA tnejja fid-dawl ta' dawn l-isfidi partikolari. Huwa fih lista ta' 79 rapport speċjali u rapport analitiku li l-awdituri tal-UE biħsiebhom jippubblikaw fis-snin li ġejjin. Dawn huma marbuta ma' oqsma ta' prijorità strateġiċi. Pereżempju, għall-qasam ta' nfiq u ta' politika "Ir-rispons tal-UE għall-COVID-19 u l-irkupru wara l-kriżi" huma ppjanati 16-il rapport, dwar kwistjonijiet bħall-akkwist tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u d-dritt ta' moviment liberu matul il-pandemija. Il-QEA se tippubblika wkoll sensiela ta' sejbiet tal-awditjar dwar il-Faċilità tal-UE għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tirrappreżenta EUR 672.5 biljun f'għotjiet u selfiet biex jintużaw għall-appoġġ tal-investimenti u r-riformi, b'fokus fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Taħt l-intestatura "tibdil fil-klima, ambjent u riżorsi naturali", il-QEA se tippubblika 17-il rapport, inkluż dwar il-bijokarburanti, it-tassazzjoni fuq l-enerġija, is-sajd illegali u t-trasport tal-annimali.

Se jiġu koperti wkoll ħafna oqsma oħra ta' nfiq u ta' politika tal-UE. Pereżempju, fil-qasam ta' prijorità "Is-sigurtà u l-valuri Ewropej", l-awdituri se jiskrutinizaw l-azzjoni esterna tal-UE – pereżempju, billi jivvalutaw kif l-UE tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni fl-Afrika u billi

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Programm ta' Ħidma 2022+ ippubblikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Il-programm ta' ħidma sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

janalizzaw l-appoġġ finanzjarju li tagħti l-UE għall-kura tar-refuġjati fit-Turkija – iżda wkoll problemi interni, inkluż il-frodi fil-pagamenti taħt il-politika agrikola komuni u l-istat tad-dritt fl-UE.

L-awdituri se jeżaminaw ukoll kwistjonijiet ewlenin għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, b'has-sigurtà tan-networks ċellulari 5G, il-produzzjoni tal-batteriji, u l-iżvilupp ta' industrija tal-mikroċippi fl-UE. Fir-rigward tal-politiki fiskali, huma se jħarsu b'mod partikolari lejn is-superviżjoni bankarja tal-UE u s-suq uniku għall-fondi ta' investiment.

B'firxa tant komprensiva ta' suġġetti, il-QEA se tkompli tipprovdi liċ-ċittadini u lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE rapporti indipendenti dwar kwistjonijiet ewlenin għall-futur tal-UE, billi tenfasizza dak li jiffunzjona tajjeb u tiġbed l-attenzjoni għal dak li ma jiffunzjonax kif suppost. Matul l-2021, il-QEA ħarġet 32 rapport tal-awditjar u rapport analitiku, fuq suġġetti li jvarjaw mill-ambjent sat-tassazzjoni, mill-mobbiltà sal-ħasil tal-flus, u mill-migrazzjoni sad-drittijiet tal-konsumatur.

Informazzjoni ġenerali

Permezz tax-xogħol tal-awditjar li twettaq, li huwa indipendenti, professjonali u jħalli impatt, il-QEA tivvaluta l-ekonomija, l-effettività, l-effiċjenza, il-legalità u r-regolarità tal-azzjoni tal-UE. Ir-rapporti u l-opinjoni tal-awditjar tagħha huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE – huma jitolbu rendikont mingħand dawk li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea, il-korpi l-oħra tal-UE u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Huma jgħinu wkoll liċ-ċittadini tal-UE jifhmu b'mod aktar ċar kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw l-isfidi attwali u tal-futur.

Il-Programm ta' Ħidma 2022+ huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547